MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 383/2002/1

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**
**v**
**Emanuel Pace u Leone Ciantar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' April, 2002 l-atturi ppremettew illi permezz ta' skrittura datata 20 ta' Ottubru, 1999 l-attur ta b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenuti il-fond minghajr numru li jinsab f'Constitution Street, Mosta, kif jirrizulta mill-annessa skrittura (Dok A); u illi l-imsemmija lokazzjoni nghatat ghall-perjodu ta' hames (5) snin u dan kif jirrizulta mill-

klawsola (a) tal-istess skrittura; illi l-kera gravanti l-fond huwa ta' tmien liri Maltin (LM8.00) kuljum, liema kera bdiet tiddekorri mill-1 ta' Novembru, 1999, liema kera ghandha tithallas kull xahar bil-quddiem; illi l-konvenuti huma moruzi fil-hlas ta' zewg skadenzi kera, u cioe` tax-xahar ta' Frar u ta' Marzu 2002, u dan versu l-ammont ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin (LM472); illi ai termini ta' l-artikolu (f) tal-istess skrittura, f'kaz illi l-konvenuti jkunu moruzi fil-hlas ta' xahar kera, l-konvenuti jivvakaw il-fond u jirritornaw ic-cwievet lill-attur; illi ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-arretrati ta' kera jew fin-nuqqas jivvakaw il-fond, il-konvenuti baqghu inadempjenti (Dok. B u C); illi ghalkemm interpellati l-istess konvenuti naqsu wkoll li jhallsu l-arretrati ta' dawl u ilma gravanti l-istess fond u dan fl-ammont ta' mitejn wiehed u erbghin lira Maltin u ghoxrin centezimu (LM241.20); illi fil-fehma ta' l-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici; ghalhekk wara li premettew dan kollu l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma moruzi fil-hlas tal-kera a tenur tal-iskrittura ta' lokazzjoni datata 20 ta' Ottubru, 1999 u konsegwentement tiddikjara l-istess skrittura xolta.
3. Tordna lill-konvenuti jivvakaw il-fond lilhom mikri fi zmien qasir u perentorju, li jigi stabbilit minn dik il-Qorti.
4. Tordna lill-konvenuti jhallsu l-arretrati ta' kera dovuti lill-atturi ghax-xhur ta' Frar u Marzu 2002 fl-ammont ta' erba' mija tnejn u sebghin lira Maltin (LM472).
5. Tordna lill-konvenuti jhallsu l-arretrati ta' dawl u ilma gravanti l-istess fond ghall-perjodu mit-28 ta'Lulju, 2001 sal-5 ta' Dicembru 2001 fl-ammont ta' (LM241).

Bl-ispejjes, inkluzi tal-ittri interpellatorji datati 19 ta' Frar 2002 u 20 ta' Marzu 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Il-konvenuti, debitament notifikati bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smigh tal-kawza, naqsu li jidhru fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2002, cioe` f'dik id-data ghal meta kienet appuntata l-kawza. Dakinhar ghalhekk il-kawza giet deciza.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-2 ta' Mejju, 2002 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kontumacja tal-konvenuti, laqat it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjes kontra l-konvenuti u ghall-fini tal-izgumbrament ipprefiggiet terminu ta' xahrejn dekorribbli mid-data tas-sentenza.

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 2002 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi revokata s-sentenza appellata billi jigu michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi, salv kull provvediment iehor li din l-istess Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

B'risposta prezentata fl-24 ta' Settembru, 2003 l-atturi appellati talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

L-aggravji mressqa mill-konvenuti huma s-segwenti:-

1. illi huma ma gewx notifkati bl-att tac-citazzjoni inqas minn hmistax-il gurnata qabel mid-data tas-smigh tal-kawza.
2. illi huma waslu tard ghas-seduta billi l-Imhallef sedenti ma kellux awla fissa.
3. illi qatt ma kien hemm interpellazzjoni ufficjali ghall-hlas tal-kera.
4. illi l-kuntratt ta' kera kien null u bla effett.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar in-notifika.**

L-Artikolu 169 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Porceduri Civili jiddisponi li "Fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 167, ic-citazzjoni ghandha tkun notifikata lill-konvenut minghajr dewmien; u huwa ghandu jigi mharrek biex jidher mhux

aktar kmieni minn hmistax-il jum u mhux aktar tard minn tlettin jum min-notifika."

Jirrizulta li c-citazzjoni in kwistjoni giet intavolata fil-5 ta' April, 2002. B'digriet kamerali tad-9 ta' April, 2002 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili appuntat il-kawza ghas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2002 u ordnat lill-konvenuti biex jidhru f'dik id-data u jwiegbu ghat-talba attrici, bit-twissija li, fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici.

Mir-riferta a fol. 12 tergo tal-process, jirrizulta li l-konvenut Emanuel Pace gie notifikat bic-citazzjoni, kif ukoll bl-avviz ghas-smigh tal-kawza, fil-15 ta' April, 2002 u cioe` fi zmien utili skond ma jiddisponi l-Artikolu 169 fuq riprodott. Izda mir-rferta a fol. 14 tergo tal-process jirrizulta li l-konvenut Leone Ciantar gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz fl-24 ta' April, 2002 u cioe` f'terminu aqsar minn hmistax-il gurnata qabel l-ewwel seduta, kif jinghad fl-artikolu citat.

Fil-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2002 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili nsibu li dak inhar dehru l-attur u d-difensur tieghu. Il-konvenuti, imsejhin tlett darbiet ma dehrux. Il-Qorti ghalhekk, iddecidiet il-kawza konformement mat-talba attrici, wara li hadet l-informazzjoni mehtiega minn ghand id-difensur tal-attur.

L-atturi qeghdin jilmentaw li l-proceduri kontemplati fl-Artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx segwiti billi n-notifika ma saritx fit-terminu stipulat u barra minn hekk dik il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma tat dawk l-ordnijiet li kien jidhrilha xierqa "*biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikat*" kif hemm mahsub fil-proviso ghall-Artikolu 169 fuq imsemmi.

Din il-Qorti tosserva li proceduri istitwiti taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12, hekk maghrufa bhala procedimenti sommarji jew bil-giljottina, huma proceduri specjali nkwantu l-konvenut huwa prekluz milli jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet jekk mhux bil-permess tal-Qorti u wara li jkun issodisfa lil dik il-Qorti li *prima facie* ghandu eccezzjonijiet validi x'jghati. Inoltre dawk il-

proceduri jigu appuntati u jinstemghu f'terminu qasir. Dan jista` jsir kemm-il darba l-attur jikkonferma bil-gurament li "*sa fejn jaf hu l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba.*" Isegwi ghalhekk li f'tali proceduri ghandhom jigu osservati "ad validitatem" d-disposizzjonijiet partikolari li huma mehtiega biex tali azzjoni tirnexxi. Dawn huma li d-data tal-kawza trid tkun "*mhux aktar kmieni minn hmistax il-jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika"* u, f'kaz li dan ma jsirx, dik il-Qorti ghandha "*taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikati.*" Fil-kaz in ezami jirrizulta li la wiehed u lanqas l-iehor mir-rekwiziti mandatorji ma gew osservati. Dan in-nuqqas huwa bizzejjed biex jwassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza.

Dan premess, l-atturi appellati qed isostnu li l-Artikolu 169 tal-Kap 12 ma giex osservat fil-konfront ta' wiehed biss mill-konvenuti, kif effettivament rajna aktar-il fuq, u li, konsegwentement, is-sentenza ghandha jkollha effett fil-konfront ta' Emanuel Pace li gie notifikat fit-terminu stabbilit. Din il-Qorti izda ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u dana mhux biss minhabba l-fatt li proceduri ma jistghux jigu spezzettati billi jigu dikjarati validi fir-rigward ta' konvenut u mhux validi fir-rigward tal-konvenut l-iehor izda wkoll billi l-inosservanza tar-rekwiziti mandatorji dettati mil-ligi tolqot il-valdita` ta' dawk il-proceduri fit-totalita` taghhom. Inoltre din is-sottomissjoni wkoll ma tistax tintlaqa' billi l-kirja li x-xoljiment taghha qed jintalab b'dawn il-proceduri saret favur iz-zewg konvenuti flimkien. Ghalhekk mhux legalment koncepibbli li dik il-kirja tkun xolta fil-konfront ta' wiehed mill-inkwilini, filwaqt li tibqa' veljanti fil-konfront ta' l-iehor.

Dan stabbilit din il-Qorti ma tara qed utilita` li tezamina u tippronunzja ruhha fuq l-aggravji l-ohra.
Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi milqugh u fic-cirkostanzi, billi hekk jidher opportun, is-sentenza appellata qed tigi dikjarata nulla u l-kontendenti qeghdin jergghu jitpoggew fl-istess pozizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata. Ghalhekk din il-Qorti tordna li l-atti jigu rinvijati lill-Qorti ta'

Prim Istanza biex dik il-Qorti tiddisponi mill-vertenza wara li tottempera ruhha ma dak li hemm provdut fil-proviso ghall-Artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar spejjes tordna li kemm dawk tal-Prim Istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------